# Keynote Speech delivered at the Euroguidance Conference, Malta
## 23rd November 2022

# The transition of students with a disability from compulsory schooling to further education and/or the labour market

---

# Il-mixja lejn il-ħajja adulta:
# Sapport lil studenti b'diżabilità wara l-iskola obligatorja

**Anne-Marie Callus, Associate Professor, Department of Disability Studies, Faculty for Social Wellbeing, University of Malta**

---

**L-Iskola Bħalha Mera tas-Soċjetà**

Il-filosofu John Dewey hu magħruf, fost affarijiet oħra, għal dak li qal dwar kif l-iskola għandha 'iċ-ċans tkun kommunità fiċ-ċokon, soċjetà embrijun' (1956, p. 18). Wara kollox, l-iskola hi importanti mhux biss biex it-tfal jiżviluppaw akkademikament imma wkoll biex jitgħallmu jkunu ma' ħaddieħor, jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u interpersonali tagħhom, u b'hekk jippreparaw ruħhom għall-ħajja adulta fis-soċjetà nnfisiha.

L-edukazzjoni inklussiva għalhekk hi importanti, għax dawn il-ħiliet u din il-preparazzjoni jridu jsiru f'ambjenti fejn tfal b'karatteristiċi differenti jitħalltu flimkien. L-iskola inklussiva tista' tkun embrijun ta' soċjetà inklussiva. Hawnhekk, ta' min ngħid li l-inklużjoni tindirizza l-bżonnijiet edukattivi ta' kull student u li dawn il-bżonnijiet huma kkunsidrat fis-sens wiesgħa ta' edukazzjoni. Illum ovvjament qed niffukaw b'mod partikolari fuq l-edukazzjoni ta' studenti b'diżabilità u t-tranżizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta. Imma x'infissru biha 'ħajja adulta'? Għal xhiex jiġu preparati l-istudenti, bil u bla diżabilità?

**Il-Ħajja Adulta**

Il-ħajja adulta hi tipikament karatterizzatha minn impjieg, tagħlim kontinwu, żvilupp ta' ħiliet u interessi differenti, u relazzjonijiet ta' ħbiberija u dawk intimi li jistgħu jwasslu wkoll għall-ħajja ta' familja ġdida. Fuq kollox, li tkun adult ifisser li tieħu r-riedni ta' ħajtek f'idejk, li tkun tista' tgħix ħajtek kif tixtieq inti – anke jekk ċertu ammont ta' restrizzjonijiet huma inevitabbli għalina lkoll – u li tkun kapaċi terfa' responsabilità għall-azzjonijiet tiegħek u anke li tkun responsabbli ta' ħaddieħor.

L-ispeċi umana hi 'altricial', li jfisser li t-trabi ma jiżviluppawx ftit wara li jitwieldu. Fil-fatt, aħna l-aktar speċi li ddum ma tiżviluppa. Dan ifisser żewġ affarijiet. L-ewwelnett, it-trabi u t-tfal mhux mistenni minnhom li jkunu kapaċi jagħmlu dak li jagħmlu l-adulti, imma li jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom bil-mod. It-tieninett, dan l-iżvilupp ma jsirx f'vakum newtrali, imma f'ambjent soċjali, politiku u kulturali li hu speċifiku u li jvarja ġeografikament u anke matul iż-żmien.

Eventwalment, it-tfal jikbru u sakemm isiru adulti l-biċċa l-kbira jkunu tgħallmu jagħmlu ħafna affarijiet waħedhom: jimxu, jitkellmu, jieħdu ħsieb l-iġene personali tagħhom infushom, jaqraw u jiktbu, jistudjaw waħedhom, jagħmlu xogħol għall-qligħ, jieħdu ħsieb tat-tfal huma stess, u ħafna affarijiet oħra. U sakemm jilħqu l-anzjanità, l-adulti huma mistenniha li jkomplu jagħmlu dan kollu u li jiżviluppaw ukoll ħiliet ġodda matul il-ħajja.

Dan il-pattern ta' żvilupp ma jiġix segwit meta jkun hemm diżabilità fit-tfulija jew fil-ħajja adulta, ċioe qabel l-anzjanità. L-idea ta' tfal li bil-mod il-mod isiru adulti li jkunu kapaċi jagħmlu l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum waħdehom, mingħajr għajnuna, ma tibqax tgħodd għal kollox. U għal din ir-raġuni, ma nistgħux nitkellmu fuq l-iżvilupp ta' kull bniedem imma dwar l-iżvilupp tipiku tal-bniedem. Il-problemi jibdew meta dan l-iżvilupp tipiku jsir in-normalità li kulħadd hu mistenni li jasal għaliha, kif jispjega tajjeb Lennard Davis (2010).

Għaldaqstant, importanti li nifhmu tajjeb xi tfisser li tkun adult b'diżabilità, u speċjalment li tkun adult b'diżabilità f'pajjiż b'livell għoli ħafna ta' żvilupp, bħal ngħidu aħna Malta, fis-seklu 21. Biex naraw dan x'ifisser, importanti li naraw x'igħidu l-persuni b'diżabilità infushom.

**L-Indipendenza u d-Diżabilità**

L-idea tal-ħajja adulta tipika nistgħu niġbruha fil-kelma 'indipendenza'. Li tagħmel l-affarijiet ta' kuljum waħdek, li tkun responsabbli għall-azzjonijiet u deċiżjonijiet tiegħek, li titgħallem u tagħmel xogħol għall-qligħ waħdek huma kollha karatteristiċi li nassoċċjaw mal-indipendenza. Imma x'jiġri meta jkun hemm diżabilità?

Għal ħafna persuni b'diżabilità, indipendenza f'dan is-sens hi xi ħaġa li jilħquha, għalkemm forsi jagħmlu ċertu affarijiet b'mod differenti mis-soltu. Imma għal ħafna oħrajn, il-bżonn ta' għajnuna minn ħaddieħor tibqa' hemm anke meta huma adulti. Jew inkella jkollhom bżonn ta' ħafna aktar taħriġ u għajnuniet biex jibdew jagħmlu l-affarijiet ta' kuljum waħedhom. Per eżempju:

- persuna b'diżabilità fiżika severa li taffettwalha wkoll dirgħajha u li dejjem se jkollha bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor biex tinħasel, tilbes u tagħmel affarijiet oħra ta' kuljum;
- persuna blind li jkollha bżonn taħriġ ta' mobilità u orjentazzjoni u ta' għajnuniet biex tieħu ħsieb id-dar;
- persuna Deaf li jkollha bżonn interpretu tal-lingwa tas-sinjali;
- persuna b'diżabilità intelletwali li jkollha bżonn taħriġ speċifiku biex titgħallem tuża l-karozza tal-linja waħedha u li tibqa' jkollha bżonn ta' għajnuna f'diversi aspetti tal-ħajja ta' kuljum.

Mad-daqqa t'għajn jidher li dawn il-persuni mhu se jkunu qatt indipendenti. Imma l-persuni b'diżabilità infushom kif jesperjenzawha l-indipendenza? Dak li jgħidulna attivisti prominenti li għandhom diżabilità, bħal ngħidu aħna Jenny Morris (1993) u Vic Finkelstein (1999), hu li l-indipendenza ma tfissirx li tagħmel kollox waħdek imma li tagħmel dak li tixtieq bis-sapport ta' ħaddieħor fejn hemm bżonn.

Hawnhekk qed nuża l-kelma 'sapport' pjuttost milli 'għajnuna' apposta. Mhux għax l-għajnuna hi xi ħaġa ħażina, xejn affattu. Imma għax il-mod kif il-persuni b'diżabilità jużaw il-kelma 'sapport' tfisser li hi għajnuna li tagħtihom il-possibilità li jkunu indipendenti, pjuttost

milli għajnuna li żżommhom għal kollox dipendenti fuq ħaddieħor. Barra minn hekk, hi għajnuna li jiddeterminaw huma x'stess x'forma għandha tieħu, pjuttost milli ħaddieħor jiddeċiedi f'isimhom. Għalhekk, f'każijiet eċċezzjonali biss jiddeċiedi ħaddieħor għalihom, kif nispjega aktar tard.

Hu importanti li nżommu f'moħħna dawn it-tifsiriet ta' 'indipendenza' u 'sapport' meta qed nitkellmu fuq kif nippreparaw studenti b'diżabilità għall-ħajja adulta, inkluż għall-edukazzjoni post-sekondarja u l-impjieg. Hu importanti wkoll li nikkunsidraw x'tip ta' soċjetà dawn l-istudenti qed jiġu ppreparati għaliha.

**L-Ostakli fis-Soċjetà**

Minħabba li, għal sekli sħaħ, is-soċjetà żviluppat skont il-ħtiġijiet u x-xewqat ta' min m'għandux diżabilità, ta' min jiżviluppa b'mod tipiku, l-istrutturi soċjali li nħolqu ftit li xejn taw każ tal-ħtiġijiet li ġġib magħha d-diżabilità. Kien bejn wieħed u ieħor f'dan l-aħħar nofs seklu li f'ħafna soċjetajiet, inkluż f'Malta, il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità bdew jittieħdu in kunsiderazzjoni. Minkejja li sar ħafna progress, żgur li baqa' ħafna xi jsir.

L-ikbar bidla li saret kienet li l-problemi tal-persuni b'diżabilità ma baqgħux jiġu kkunsidrati biss bħalha problemi tal-individwu imma wkoll bħalha problemi soċjali. Dan l-għarfien ġie mill-esperjenza diretta tal-persuni b'diżabilità, speċjalment tal-attivisti fl-Istati Uniti u r-Renju Unit li mis-snin 60 'il quddiem bdew jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Kien minn dan il-moviment tal-persuni b'diżabilità li twieled il-mudell soċjali tad-diżabilità. Huwa sinjikanti ħafna li l-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-Nazzjonijiet Uniti tuża dan il-mudell fid-deskrizzjoni ta' diżabilità fil-Preambolu:

> id-diżabilità hi kunċett li dejjem qed jevolvi u li d-diżabilità tirriżulta mill-interazzjoni bejn il-persuni b'nuqqasijiet differenti u l-ostakli ta' attitudnijiet u dawk ambjentali li ttellef milli huma jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà fuq bażi ugwali bħall-oħrajn.

Id-diżabilità mela tirriżulta meta persuna li għandha xi tip ta' nuqqas fiżiku jew mentali tiltaqa' ma' ostakli maħluqa mis-soċjetà. Allura, ir-rispons tagħna lejn il-problemi tad-diżabilità jridu jkunu diretti mhux biss lejn il-persuna imma wkoll lejn is-soċjetà. U ġaladarba

s-soċjetà hi magħmulha minn kull wieħed u waħda minna, irridu wkoll inħarsu lejna nfusna u nsaqsu aħna x'għandna nibdlu u x'hemm bżonn nagħmlu biex isiru l-bidliet meħtieġa. Fil-Preambolu d-diżabilità hi deskritta wkoll bħalha kunċett li qed jevolvi. Mela rridu nibdew billi neżaminaw tajjeb x'naħsbu li hi diżabilità u kif inħarsu lejn il-persuni b'diżabilità.

**Żviluppi f'Malta**

Meta nibdlu l-idea tagħna ta' x'inhi diżabilità u nibdew naraw ukoll l-ostakli soċjali, meta nwessgħu dak li nifhmu bil-kelmiet 'indipendenza' u 'sapport', naslu li nibdlu l-ħajja tal-persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u tas-soċjetà kollha għall-aħjar. Dawn il-bidliet għandna evidenza tagħhom madwarna.

Il-fatt li qegħdin hawnhekk illum f'konferenza li qed tiffoka fuq it-tranżizzjoni tal-istudenti b'diżabilità mill-iskola obbligatorja għall-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja u għall-impjieg hu xhieda tal-iżviluppi pożittivi li seħħew f'Malta minn meta, fl-1994, Malta ffirmat is-Salamanca Statement u daħlet l-edukazzjoni inklussiva. Minn dakinhar s'issa, id-drittijiet ta' studenti b'diżabilità fil-qasam tal-edukazzjoni – u tal-persuni b'diżabilità kollha f'oqsma differenti tal-ħajja – komplew jissaħħu. Fl-2000 kien hemm il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, fl-2012 ir-ratifika tal-Konvenżjoni u s-sena l-oħra l-integrazzjoni tal-Konvenzjoni fil-liġi Maltija.

Ovvjament, ma jfissirx li qabel l-1994 ma kienx hemm studenti b'diżabilità fi skejjel jew li ma kienx hemm persuni b'diżabilità li kienu jaħdmu, li kellhom familja u li kienu jieħdu sehem f'diversi aspetti tal-ħajja soċjali. Imma, ħafna persuni b'diżabilità kienu jkunu esklużi mis-soċjetà. Dak li ġara meta daħlet l-inklużjoni kien li sar impenn li l-persuni b'diżabilità jsiru parti integrali mis-soċjetà u li s-soċjetà ssir aktar inklussiva. Għalhekk, jekk nerġgħu lura għal dak li qal John Dewey, skejjel inklussivi huma mirja ta' soċjetà li qed taħdem biex tinbidel u tevolvi f'waħda li tikkunsidra b'mod aktar attiv il-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni li l-iżvilupp tagħhom ma ħax it-trajjettorja tipika tal-maġġoranza.

L-impenn biex dan iseħħ narawh ukoll f'diversi policies u strateġiji li bħalissa qed jiġu implimentati. Fost l-aktar riċenti hemm l-istrateġija *Libertà Li Tgħix* li ġiet imnehdija fl-2021 u li tinkludi objettivi dwar l-edukazzjoni informali, formali u mhux formali. Ta' min wieħed

isemmi li waħda mill-azzjonijiet identifikati li għandha ssir fi żmien ħames snin hi l-istudenti b'diżabilità kollha jkollhom programm ta' tranżizzjoni. Din l-azzjoni nerġa' niġi għaliha aktar 'il quddiem. Ovvjament hemm ukoll il-*Policy dwar l-Edukazzjoni Inklussiva fl-Iskejjel* u l-*Framework* abbinat ma' din il-policy, li ħarġu fl-2019, li jħarsu lejn l-inklużjoni b'mod ħolistiku li jinvolvi l-iskola kollha u l-istudenti kollha, huma x'inhuma l-karatteristiċi tagħhom, skont id-definizzjoni ta' 'edukazzjoni inklussiva' tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, din il-policy tuża d-definizzjoni tal-UNESCO li titlob li jiġu identifikati u mneħħija b'mod proattiv ostakli għall-inklużjoni. Ta' interess għalina llum hi Benchmark 3.2 li tirrikjedi strutturi ta' sapport koordinati biex iħejju lill-istudenti għat-tranżizzjoni, inkluż għall-edukazzjoni post-sekondarja u l-impjieg.

Dawk l-istudenti b'diżabilità li jispiċċaw l-iskola obbligatorja għandhom diversi opportunitajiet. Dawk li jagħmlu l-eżamijiet nazzjonali tal-MATSEC jingħataw arranġamenti għall-aċċess li huma intitolati għalilhom, skont in-natura tad-diżabilità tagħhom. Ammont dejjem jiżdied ta' studenti b'diżabilità qed jattendu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni bħas-Sixth Forms, l-MCAST u l-Università ta' Malta. Dawk li jkunu waslu biex jibdew jaħdmu jistgħu jsibu għajnuna mis-Servizzi tal-Impjieg Inklussiv tal-Jobsplus u anke mill-Fondazzjoni Lino Spiteri.

Ovvjament, il-ħajja adulta ma tikkonsistix biss f'li tkompli bl-edukazzjoni tiegħek u li jkollok impjieg. Kif qed qabel tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ta' ħbiberija u dawk intimi. U anke l-iżvilupp ta' ħiliet oħra li jgħinu lil kull persuna tikber b'mod ħolistiku, bħal ma huma ħiliet fl-isport, l-arti, tejatru u attivitajiet kulturali oħra. Ta' min insemmu li l-Konvenzjoni tiddedika Artiklu 30 propju għall-aċċessibilità u l-inklużjoni f'dawn l-aspetti tal-ħajja. U anke l-istrateġija *Libertà Li Tgħix* tinkludi Objettiv 5: Parteċipazzjoni fil-Kultura, id-Divertimenti, Rikreazzjoni u Sport. Fil-fatt hawn diversi organizazzjonijiet, ħafna minnhom NGOs, li jagħtu sehem siewi f'dan ir-rigward.

Meta niġu għall-edukazzjoni u impjieg, statistiċi mid-database tal-EU SILC jagħtu dawn il-figuri:

**Table 1: Early school leaving rates, by disability status (aged 18-24 and 18-29)***




| | Disabled young people (18-24)* | Non-disabled (18-24) | Disabled young people (18-29)* | Non-disabled (18-29) |
|---|---|---|---|---|
| EU27 average | 20.3 | 9.8 | 21.3 | 10.9 |
| National average | 28.3 | 19.7 | 32.6 | 24.2 |

**Table 2: Completion of tertiary or equivalent education (aged 30-34 and 30-39)***




| | Disabled young people (30-34)* | Non-disabled (30-34) | Disabled young people (30-39) | Non-disabled (30-39) |
|---|---|---|---|---|
| EU27 average | 29.4 | 43.8 | 30.4 | 41.7 |
| National average | 42.0 | 34.8 | 29.2 | 32.8 |

*Source: EU-SILC 2020 Release April 2022 (and preceding UDBs)*

**Table 3: Activity rates in Malta, by disability and gender (aged 20-64) (2020)***




| | Disabled women | Disabled men | Non-disabled women | Non-disabled men | Disabled total | Non-disabled total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| EU27 average | 59.1 | 65.4 | 76.2 | 88.8 | 62.0 | 82.5 |
| National average | 37.9 | 64.7 | 70.1 | 90.4 | 51.1 | 81.0 |

* Tables taken from EDE European Semester Report for Malta, 2022

Minn dan kolllu naraw li s-sitwazzjoni f'Malta hi waħda inkoraġġanti. Imma baqa' wkoll ħafna x'isir. Il-mira ta' inklużjoni totali żgur li għadna ma lħaqnihix. Imma x'baqa' xi jsir, għaliex u kif għandu jsir? Huma dawn il-mistoqsijiet li se nindirizza fl-aħħar parti ta' dan id-diskors.

## Dak li Għad Irid Isir

Naħseb li f'Malta – bħal f'ħafna pajjiżi oħra – għad baqgħalna ħafna biex naslu f'punt li verament naraw id-diżabilità mil-lat soċjali u mhux biss bħalha problema individwali.

Baqgħalna wkoll biex naslu f'punt li ninnormalizzaw l-idea li ċertu adulti jkomplu jesperjenzaw bżonn ta' għajnuna u sapport minn ħaddieħor fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. U baqgħalna biex nifhmu verament li biex tkun adult indipendenti ma jfissirx li ma jkollokx bżonn ta' għajnuna f'aspetti tal-ħajja ta' kuljum li ħafna adulti jagħmlu waħedhom.

Filwaqt li l-mudell soċjali tad-diżabilità ġie addottat b'mod attiv f'diversi oqsma, inkluż dawk tal-edukazzjoni u l-impjieg, għad hemm ukoll l-idea li biex ngħinu lill-persuni b'diżabilità hu biżżejjed li nagħtu donazzjonijiet lil għaqdiet diversi li jaħdmu f'dan il-qasam. Għad hemm ukoll l-idea li l-ħajja b'diżabilità hi waħda traġika jew ta' sofferenza biss. Fuq kollox, il-leħen tal-persuni b'diżabilità, kemm adulti u anke tfal, għadu mhux qed jinstema biżżejjed u l-perspettivi tagħhom ħafna drabi jindifnu fil-kakofanija tal-ilħna ta' min m'għandux diżabilità u xorta jaħseb li jaf xi tfisser li tgħix b'diżabilità, u fuq kollox ta' min jaħseb li d-diżabilità hi biss negattività.

Hi f'din is-soċjetà li t-tfal b'diżabilità għadhom qed jitrabbew. U jekk l-iżvilupp tagħhom ma jkunx tipiku, faċli narawhom bħalha problema. Naturalment, l-interventi bikrija speċjalment ta' terapiji differenti huma importanti ħafna. It-tfal b'diżabilità għandhom dritt għal interventi li jgħinuhom jiżviluppaw il-funzjonijiet u abbiltajiet fiżiċi u mentali tagħhom sal-massimu possibli. Il-Konvenzjoni tissalvagwardja d-dritt għas-servizzi ta' rijabilitazzjoni f'Artiklu 26. Imma rridu noqogħdu attenti li l-għan ta' servizzi bħal dawn ma jkunx li tfal b'diżabilità nġibuhom kemm jista' jkun 'normali' imma li jgħinuhom jilħqu l-potenzjal tagħhom. Irridu niftkaru li, għall-persuni b'diżabilità, li tkun indipendenti tinkludi li jkollok is-sapport ta' ħaddieħor biex tagħmel dak li tixtieq f'ħajtek jew li tagħmel l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum b'modi differenti mill-maġġoranza tal-popolazzjoni.

Meta niġu għat-tranżizzjoni ta' studenti b'diżabilità mill-iskola obbligatorja, ma rridux naraw biss x'qed nagħmlu imma wkoll kif qed nagħmluh. L-għanijiet tat-tranżizzjoni u kif se jintlaħqu jinvolvu deċiżjonijiet li ma jistgħux isiru minn edukaturi, jew kwalunkwè adulti oħra, waħedhom jew bejntiehom. Iridu jikkonsultaw mal-istudenti nfushom u mal-ġenituri tagħhom jew ma' dawk li jieħdu ħsiebhom. Biex inkomplu intejbu s-servizzi li jużaw studenti b'diżabilità wara l-iskola obbligatorja importanti li naraw x'bidliet għandhom bżonn l-istudenti nfushom. Ma nistgħux nassumu li għax aħna adulti, professjonisti u għandna

intenzjonijiet tajbin dak li qed nagħmlu hu kollu tajjeb u li dejjem nafu eżatt x'inhu fl-aħjar interess ta' kull student.

Jekk studenti b'diżabilità jibdew minn kmieni jkunu involuti fl-ippjanar edukattiv tagħhom stess – speċjalment fit-tifsil u l-implimentazzjoni tal-Programm Edukattiv Individwali, l-IEP – sa meta jiġu biex jitilqu mill-iskola sekondarja jkunu f'pożizzjoni tajba li jagħtu kontribut siewi fid-diskussjonijiet dwar it-tranżizzjoni tagħhom, anke jekk jibqgħu jirċievu sapport biex jagħmlu dan. Ovvjament, wieħed dejjem irid iżomm f'moħħu li hemm studenti li jkollhom diżabilitajiet severi ħafna, speċjalment fuq livell intelletwali, li jfisser li dejjem se jkun hemm xi ħaddieħor jieħu d-deċiżjonijiet il-kbar f'isimhom. Imma anke hawn, il-preferenzi ta' dawn l-istudenti jridu jittieħdu in kunsiderazzjoni.

Tajjeb li nsemmi li l-Konvenzjoni tirrikonoxxi f'Artiklu 7 id-dritt tat-tfal b'diżabilità li jesprimu l-opinjonjiet tagħhom b'mod ħieles fuq kull ħaġa li taffettwahom, li għandhom ikollhom l-assistenza li jeħtieġu biex jagħmlu dan u li l-opinjonijiet tagħhom jittieħdu in kunsiderazzjoni skont l-età u l-maturità tagħhom. Fejn in-natura tad-diżabilità hi tali li jkun hemm diffikultà biex jitgħalmu jitkellmu għalihom infushom waħedhom anke jekk huma adulti, ġenituri u dawk li huma l-aktar qrib tagħhom jitkellmu għalihom. Imma dawn għandhom ikunu każijiet eċċezzjonali.

L-involviment dirett tal-istudenti b'diżabilità f'ippjanar dwar il-ħajja tagħhom hu importanti għal diversi raġunijiet. Huwa mod kif dawn l-istudenti jitgħallmu dejjem aktar jieħdu deċiżjonijiet għalihom infushom u jieħdu wkoll responsabilità ta' ħajjithom – ċioe jkunu indipendenti. Dawn huma karatteristiċi importanti ħafna tal-ħajja adulta għax huma bżonnjużi biex wieħed ikun jista' jkompli jitgħallem, jidħol fid-dinja tax-xogħol, jifforma relazzjonijiet b'saħħithom u jkun responsabbli ta' ħaddieħor.

Barra minn hekk, biex nifhmu verament x'inhuma l-bżonnijiet ta' kull student b'diżabilità li wasal għat-tranżizzjoni mill-iskola u biex nindirizzaw dawn il-bżonnijiet b'mod individwali, il-perspettiva ta' dak l-istudent hi essenzjali. Ma nistgħux nippretendu li nafu persuna x'għandha bżonn jekk ma nitkellmux magħha. U ma nistgħux nitkellmu ma' dik il-persuna b'mod effettiv jekk waqt it-tfulija ma kelliex ċans tiżviluppa l-ħiliet li titkellem għaliha

innifisha, tidentifika x'inhuma l-preferenzi tagħha u tartikolahom. Aħna bħalha adulti wkoll irridu niżviluppaw il-ħiliet li għandna bżonn biex nikkonsultaw mat-tfal. M'hemmx mod aħjar biex niżviluppaw dawn il-ħiliet jekk mhux billi npoġġuhom fil-prattika minn kmieni.

Hu hawnhekk li rrid niġi lura għall-pjan ta' tranżizzjoni li hu parti mill-istrateġija *Libertà Li Tgħix* u l-*Policy on Inclusive Education in Schools*. Hu essenzjali li nagħtu importanza lil kif isiru dawn il-pjanijiet. Il-pjan ta' tranżizzjoni, bħall-IEP, mhuwiex biss id-dokument fejn hemm miktub x'inhuma l-objettivi għal kull student u kif se jiġu implimentati. Dan il-pjan hu primarjament proċess, anzi proċessi differenti. Hemm il-laqgħat u diskussjonijiet li jsiru qabel jitħejja d-dokument, ix-xogħol li jsir biex l-objettivi identifikati jseħħu, ir-reviżjoni tal-objettivi b'mod regolari, l-implimentazzjoni tal-objettivi kif ġew mibdula, eċċetra.

Jekk verament irridu li t-tranżizzjoni tal-istudenti b'diżabilità li waslu fit-tmiem tal-iskola obbligatorja, biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom, għall-impjieg u għall-ħajja adulta, tkun ta' suċċess, irridu naċċertaw li jkunu fil-qalba tal-proċess biex jitfassal u jiġi implimentat il-pjan ta' tranżizzjoni u li jieħdu sehem attiv. Ovvjament, dan ma jfissirx li jagħmlu kollox waħedhom. Wara kollox, it-tifsira ta' indipendenza bħalha xi ħaġa li tinkludi wkoll sapport tgħodd ukoll f'dan l-aspett tal-ħajja, ċioè li tieħu deċiżjonijiet – kemm żgħar u anke kbar.

Sikwit nisimgħu li l-għan aħħari tal-isforzi kollha li jsiru għall-inklużjoni hu li nsawru soċjetà li fiha m'hemmx għalfejn nitkellmu aktar dwar inklużjoni, għax kulħadd ikun parti integrali mis-soċjetà mill-bidu u f'kull aspett tal-ħajja. Wara kollox, kif igħidulna Graham u Slee (2007), il-fatt li nitkellmu dwar l-inklużjoni ta' studenti b'diżabilità jimplika li jibdew minn pożizzjoni ta' esklużjoni jew ikunu f'riskju ta' esklużjoni. Bl-istess mod, jekk nitkellmu dwar l-għan li noħolqu soċjetà inklussiva, qegħdin ngħidu li s-soċjetà kif inhi bħalissa għadha mhix diżinjata biex tindirizza l-bżonnijiet ta' kulħadd, mhix waħda li fiha kulħadd hu stmat tajjeb daqs ħaddieħor.

Jekk naraw l-iskola bħalha soċjetà embrijonika, kif jistedinna nagħmlu John Dewey, nistgħu narawha wkoll bħalha mezz kif nibdlu s-soċjetà. B'hekk, skejjel inklussivi jistgħu jwasslu biex tinħoloq soċjetà inklussiva, sakemm naslu f'punt fejn m'hemmx għalfejn nibqgħu nitkellmu dwar l-inklużjoni għax hi parti integrali ta' ħajjitna. Naturalment, din mhix xi ħaġa faċli. Hu

proċess twil u kkumplikat. Hu proċess li ilu li beda u li diġa ta ħafna frott, kif rajna aktar kmieni. Imma għad baqa' xi jsir biex verament naraw it-trasformazzjoni soċjali li hemm bżonn. Din it-trasformazzjoni hi essenzjali, għax li ninkludu fis-soċjetà lil min hu eskluż jew f'riskju ta' esklużjoni jfisser li nibdlu s-soċjetà nnifisha.

Din it-trasformazzjoni tgħodd ukoll għall-qasam tax-xogħol naturalment. Mill-istatistiċi li rajna qabel, jidher li ħafna adulti b'diżabilità għadhom esklużi mid-dinja tax-xogħol. Riċerka pubblikata mis-CRPD sentejn ilu tirrapporta li l-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità li kienu intervistati u li jaħdmu huma kuntenti fix-xogħol tagħhom. Dan jindika li diġa hemm ħafna impjeganti li huma inklussivi fl-attitudni u prattiċi tagħhom. Dan rajtu jiena wkoll meta konna qed naħdmu fuq il-proġett *ĊaVetta għall-Futur* fejn għamilna video CVs ta' persuni b'diżabilità intelletwali li tlettax minnhom jaħdmu f'entitajiet pubbliċi, privati jew non-governattivi f'ambjenti li jinkluduhom b'mod sħiħ. Imma għad ħafna baqa' xi jsir biex ikollna t-trasformazzjoni meħtieġa biex il-mentalità tal-inklużjoni ssir d-*default position* fil-postijiet tax-xogħol.

L-involviment dirett tal-istudenti b'diżabilità fl-ippjanar tat-tranżizzjoni tagħhom jista' jikkontribwixxi biex din it-trasformazzjoni sseħħ. L-ewwelnett, jista' jiżgura li jkollhom pjan li jindirizza l-bżonnijiet li identifikaw huma stess, kemm dawk marbuta man-natura tad-diżabilità tagħhom u dawk marbuta ma' dak li jixtiequ jagħmlu f'ħajjithom.

It-tieninett, fejn id-dritt tat-tfal u studenti b'diżabilità li jipparteċipaw f'deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-ħajja tagħhom ikun rispettat u attwat, mhux huma biss jitgħallmu u jkunu qed jiżviluppaw ħiliet ġodda. L-adulti li hemm madwarhom – ġenituri, għalliema, professjonisti oħra – ikunu qed jitgħallmu kif għandhom jiffaċilitaw dan id-dritt ta' parteċipazzjoni, jitgħallmu japprezzaw il-valur tal-perspettivi tat-tfal b'diżabilità u jitgħallmu iżjed dwar x'għandu jsir biex ikollna inklużjoni sħiħa f'soċjetà li ma tibqax tara d-diżabilità biss f'termini negattivi. U dawn il-ħiliet jistgħu wkoll jitferrxu f'setturi oħra, inkluż f'dak tal-organizazzjonijiet li jipprovdi sapport biex persuni b'diżabilità jsibu xogħol, fil-qasam tax-xogħol innifsu u anke f'organizazzjonijiet oħra li jipprovdu sapport lill-persuni b'diżabilità f'oqsma differenti tal-ħajja.

Jekk it-tfassil u t-twettiq tal-pjan għat-tranżizzjoni ta' studenti b'diżabilità jkunu bbażati direttament fuq il-perspettivi u l-aspirazzjonijiet tagħhom infushom inkunu qed niżguraw li t-tranżizzjoni tilħaq grad għoli ta' suċċess, għalkemm problemi dejjem jista' jkun hemm. Inkunu qegħdin ukoll niffaċilitaw il-proċess li bih jiġu identifikati l-bidliet li hemm bżonn isiru fl-istrutturi u prattiċi preżenti biex jitneħħew ostakli li joħolqu diżabilità. Fuq kollox, inkunu qed insawru soċjetà li verament tagħti kaz ta' bżonnijiet differenti u li tqis li s-sapport li għandhom bżonn persuni b'diżabilità huwa parti integrali tal-ħajja normali.

Forsi dan il-kliem jinstema' wisq idealista. Imma jekk ma nibdewx billi nħarsu lejn dak li hu ideali qatt ma aħna se noqorbu lejh. U, fl-aħħar mill-aħħar, dak li qed ngħid hu li biex ikollna inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità rridu nibdew billi nifhmu l-perspettivi tagħhom u li l-qasam edukattiv hu post ideali fejn nibdew nagħmlu dan.

**Referenzi**

CRPD 2020. Research into the current situation of people with disabilities and employment in Malta: Synopsis of main results. https://www.crpd.org.mt/wp-content/uploads/2021/02/CRPD-SYNOPSIS-REPORT-ENG-1.pdf

Davis, L. J. (Editor) 2010. *The Disability Studies Reader*. Third Edition. New York: Routledge.

Dewey, J., 2013. *The school and society and the child and the curriculum*. University of Chicago Press.

Finkelstein, V. 1999. Professions Allied to the Community (PACs) I. Available from https://disability-studies.leeds.ac.uk/wp-content/uploads/sites/40/library/finkelstein-pacall.pdf

Graham, L. J. and Slee, R. 2007. An illusory interiority: Interrogating the discourse/s of inclusion. *Educational Philosophy and Theory*, 40(2), pp. 273-293.

Morris, J. 1993. *Independent Lives? Community Care and Disabled People*. Leeds: The Disability Press.